# Dom Rosendo Savado Rotea

## Missjunarju Pjanista

Għal ħafna u ħafna snin, Dun Anton Xiberras (1922-2006), qassis-poeta Naxxari, kien iħobb jikteb dwar il-missjoni permezz ta' rakkonti, buzzetti u djalogi fuq ir-rivista Malta Missjunarja. Kien ukoll jikteb regolarment fil-paġna tat-tfal taħt il-psewdonomu 'Il-Missjunarju x-Xiħ'. Rokna minnhom kien jiddedikaha għal xi missjunarju kbir. Waqt li kont qed inqalleb fil-paġni ta' waħda mir-rivisti antiki sibt kitba qasira fuq żewġ patrijiet Benedittini Spanjoli, Dom Rosendo Salvado Rotea (1814-1900) u Dom Joseph Benedict Serra (1810-1886) – is-sieħeb tiegħu fil-missjoni. Kif se naraw, Dom Rosendo kien pjanista bravu ħafna, u nqeda bit-talent mużikali tiegħu għall-ġid tal-missjoni.



Dom Rosedo Salvado.

Patri Salvado – Isqof missjunarju, pjanista-kompożitur u awtur – twieled f'Tui fi Spanja fl-1 ta' Marzu 1814 f'familja sinjura u mużikali għall-aħħar, u tgħallem idoqq il-pjanu sa minn ċkunitu. Iżda f'ħajtu xtaq jagħmel xi ħaġa ikbar u aktar siewja milli jilħaq sempliċi pjanista. Ta' 15-il sena, daħal fil-Monasteru Benedittin ta' San Martiño Pinario f'Compostela, libes l-abiti fl-24 ta' Lulju 1829, u tliet snin wara ħa l-aħħar voti reliġjużi. Għal sentejn sħaħ, Salvado tgħallem idoqq l-orgni sew mingħand Dun Juan Copa – wieħed mill-aqwa mużiċisti Spanjoli, biex fl-1832 laħaq l-organista ewlieni tal-istess monasteru. Iżda ġara li fl-1835 kellu jaħrab minn Spanja minħabba l-gwerra ċivili u sab refuġju fil-Monasteru ta' Trinità della Cava qrib Napli, fejn aktar tard ġie ordnat qassis fi Frar tal-1839. Sadanittant, ix-xewqa għall-missjoni kompliet tikber ġo fih u rnexxielu jaqtagħha wara li fl-1845 John Brady (1800-1871) ġie kkonsagrat l-ewwel Isqof tad-Djoċesi ta' Perth, fl-Awstralja. Minnufih, Salvado u Serra offrew irwieħhom biex jgħinu wara li l-isqof il-ġdid talabhom jiftħu missjoni qalb l-aboriġini



Daqqad Aboriġinu.

suwed fil-boskijiet madwar 160 kilometru bogħod mill-belt. Telqu minn Londra fuq il-bastiment Elizabeth u baħħru f'vjaġġ twil lejn il-kontinent Awstraljan ma' grupp ta' missjunarji isqfija. Niżlu f'Fremantle f'Jannar tal-1846. Minn hemm ma' ħbiebhom Benedittini, terrqu lejn il-Punent tal-kontinent, 'l hekk imsejħa Pjanuri ta' Victoria, bil-karrettuni u l-bgħula. Fl-1 ta' Marzu

waqqfu 'Missjoni Ċentrali' ġo post f'qiegħ il-boskijiet bil-għan li jikkonvertu l-indiġeni għall-Kattoliċiżmu. Aktar tard, dan il-post bidel ismu għal Norcia l-Ġdida peress li San Benedittu twieled proprju f'raħal b'dan l-isem fil-komun ta' Perugia, fl-Italja.

Inħallu ftit f'idejn il-pinna ta' Dun Anton biex ikompli jirrakkontalna l-ġrajja iebsa ta' dawn iż-żewġ Benedittini li ftit wara l-wasla tagħhom fil-qalba tal-Awstralja sfaw waħedhom: "Hawnhekk [Salvado u Serra] kienu jmorru għall-kaċċa mal-aboriġini, jieklu l-kangaroo, gremxul u għeruq. F'qasir żmien tgħallmu l-ilsien tagħhom u qabdu jgħallmu lin-nies kif jaħdmu r-raba'. Iżda flus ma kellhomx. Salvado reġa' lura bil-mixi, akkumpanjat minn sieħeb aboriġinu, ħaġa tal-ġenn, għand l-Isqof Brady ġo Perth. L-isqof ma kellux x'jagħtihom." Iffaċċjat mit-tbatija tal-ġuħ, nhar il-21 ta' Mejju tal-istess sena, Salvado, għajjien mejjet u mċerċer, iddeċieda li filgħaxija jagħti kunċert kbir fuq il-pjanu fis-sala ewlenija tal-qorti. Din is-sala għadha wieqfa sal-lum u sservi ta' mużew legali. Jingħad li f'dan il-kunċert, li dam sejjer għal madwar tliet sigħat sħaħ, indaqqew biss xogħlijiet tiegħu peress li kien ukoll kompożitur komplut. Oħrajn isostnu li fih iddaħħlu wkoll xi bċejjeċ vokali, iżda ma nafu xejn dwar il-kantant/a li ħa/det sehem. Ġara x'ġara, minn dan il-kunċert Salvado rnexxielu jiġbor biżżejjed flus mingħand is-sebgħin ruħ li attendew; li min-naħa tagħhom ħarġu lira kull ras, biex salva l-missjoni li kien għadu kemm beda. Iżda dan kien biss il-bidu ta' vjaġġ twil u tassew iebes għal Salvado qalb l-aboriġini; kemm dam hemm għex biss bl-għaraq ta' ġbinu. Fl-1848 lil Serra sejħulu lura, u sena wara Salvado sar isqof, iżda xorta baqa' qrib niesu. Ġaladarba twaqqfet il-missjoni, bdew jintbagħtu aktar patrijiet Benedittini biex jagħżqu, iħawlu u jagħtu lil min jagħżaq. Sa ġew nies tas-sengħa apposta minn Perth biex jgħallmu b'xejn ukoll. Sakemm intrama razzett bil-kif, b'nagħaġ u baqar. Salvado dam snin twal jgħix qalb dawn in-nies ta' Nyungar, fejn bnielhom djar għalihom u l-missjoni saret ċentru kbir Kattoliku mgħammar b'orfanatrofji għall-iltiema u skejjel għat-tagħlim.

'Ix-Xiħ Missjunarju' jagħlaq ir-rakkont ħelu tiegħu lit-tfal billi jgħidilhom li: "Qrib it-tmiem ta' ħajtu, dan l-Isqof Missjunarju tela' l-Ewropa biex ifittex min jieħu postu. Miet Ruma fl-1900. L-Awstraljani tiegħu ma setgħu jifhmu qatt għala l-missier tagħhom fi Kristu, li tant kien ħabbhom, ma kienx reġa' lura, meta kienu tant jeħtiġuh." Mużika ta' Salvado ftit li xejn issib stampata għajr xi bċejjeċ sagri li hu kiteb għall-Aboriġini Awstraljani tal-Punent u l-priġunieri tal-ħabs ta' Fremantle. Tiegħu għandna wkoll il-Fantasia, Variaciones y Final għall-pjanu, iddedikata lill-Kontessa Zinaida Lebztern (1801-73), li mal-mewt tal-ewwel raġel tagħha, Louis, reġgħet iżżewġet lil Giuseppe Campania, poeta Taljan.



Mużika ta' Salvado.

*Mro. Manoel Pirotta huwa lettur anzjan fi ħdan il-University of Malta 'Ġ.F. Abela' Junior College fejn jgħallem il-mużika fil-livell avvanzat u dak intermedju. Bħalissa għaddej b'riċerka dwar ix-xogħlijiet letterarji ta' Dun Anton Xiberras li għal snin twal kien l-editur tar-rivista Malta Missjunarja. Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)* ■